# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 7**

**Rikors numru 404/20/1 AL**

**Cheryl-Ann Gafa**

**v.**

**Adrian-Kenneth Sillato**

**Il-Qorti:**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-attriċi mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat-18 ta' Frar, 2021, li biha ċaħdet it-talba tagħha għad-divorzju skont l-Art. 66B tal-Kodiċi Ċivili.

2. Il-fatti rilevanti huma dawn:

i. Il-partijiet iżżewġu fil-21 ta' Ottubru, 2007, (reġistrazzjoni numru 2089) u matul iż-żwieġ twieled tifel li għadu minuri.

ii. B'kuntratt ta' separazzjoni pubblikat min-nutar Dr Rachel Busuttil tat-8 ta' Ġunju, 2017, il-partijiet infirdu minn xulxin.

iii. Fil-kuntratt l-intimat obbliga ruħu li jħallas manteniment għat-tifel, flimkien mal-miżati tal-iskola sas-sekondarja, spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni sa *grade* 6 u wara nofs dawk l-ispejjeż, kif ukoll iħallas nofs l-ispejjeż mediċi.

iv. Fl-20 ta' Novembru, 2020, ir-rikorrenti ppreżentat rikors li bih talbet lill-Qorti tal-Familja sabiex: *"...... prevja s-smigħ tal-partijiet kif maħsub fl-artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C"*.

v. Fis-16 ta' Diċembru, 2020, l-intimat wieġeb għat-talba fejn spjega li m'għadux f'kundizzjoni finanzjarja li jkompli jħallas il-manteniment miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni.

3. Il-konvenut iddefenda ruħu billi argumenta li:

i. Il-partijiet ilhom separati *de facto* għal iktar minn erba' snin u mhemmx possibilta` ta' rikonċiljazzjoni.

ii. Il-ħlas ta' manteniment hu regolat b'kuntratt ta' separazzjoni.

iii. Il-konvenut mhuwiex f'qagħda finanzjarja li jkompli jonora l-obbligi tiegħu skont il-kuntratt u dan peress li l-qligħ tiegħu naqas bin-nofs minn Marzu 2020, minħabba l-pandemija tal-COVID.

iv. Il-konvenut ippreżenta proċedura ta' medjazzjoni sabiex ma jibqax jerfa' l-piż tal-ispejjeż edukattivi waħdu.

4. L-ewwel Qorti mmotivat is-sentenza b'dan il-mod:

> *"Illi l-Qorti rat illi fir-risposta tiegħu l-intimat issottometta illi peress illi ċ-ċirkostanzi taż-żewġ partijiet inbiddlu drastikament minn mindu ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni, illum il-ġurnata l-intimat m'għadux f'qagħda finanzjarja stabbli jkompli jonora l-obbligi kollha kif kuntrattati fil-kuntratt ta' separazzjoni u senjatament fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment u ħlas ta' spejjeż edukattivi tal-minuri.*
>
> *............*
>
> *Madankollu, il-Qorti rat l-Artikolu 55B illi jgħid hekk:*
>
> *.........*
>
> *Il-Qorti rat illi r-rikorrenti ma rrinunzjatx għall-manteniment.*

*Illi għalhekk ma treġix it-trattazzjoni tal-avukat difensur tagħha fis-sens illi una volta r-rikorrenti mhijiex il-persuna li mhijiex qiegħda tħallas il-manteniment hija tista' tottjeni d-divorzju.*

*L-Artikolu 66D msemmi mill-avukat difensur jitratta eċċezzjonijiet illi jista' jġib intimat jew intimata li bihom joġġezzjona jew toġġezzjona li l-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.*

*Madanakollu kif tgħid wkoll il-liġi dana bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 li jgħid ċar illi l-Qorti trid tkun sodisfatta illi oltre r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu A u fil-paragrafu B tal-Artikolu 66B jrid jkun sodisfatt wkoll r-rekwiżit msemmi fil-paragrafu Ċ u ċioe' illi l- miżżewġin u kull wild qegħdin jirċievu manteniment adegwat fejn hu dovut skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom u f'dan il-każ hemm kuntratt viġenti bejn il-partijiet li jobbliga lill-intimat jħallas manteniment u rriżulta li fil-preżent l-intimat m'huwiex qiegħed jħallas tali manteniment.*

*Għaldaqstant il-Qorti m'għandha l-ebda alternattiva ħlief illi tiċħad din it- talba bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti".*

5. B'rikors preżentat fl-10 ta' Marzu, 2020, ir-rikorrenti appellat mis-sentenza u talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata. Fit-8 ta' Ġunju, 2021, wieġeb l-intimat u argumenta li peress li mhuwiex iħallas l-ispejjeż ta' edukazzjoni tat-tifel, din il-Qorti għandha tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

<u>Konsiderazzjoni</u>.

6. Fir-rikors tal-appell ir-rikorrenti argumentat li bir-raġunament tal-ewwel Qorti:

*"5ii).... kull parti konvenuta f'kawża ta' divorzju tista' żżomm l-għoti ta' divorzju bl-espedjent sempliċi illi ma tħallasx xi kontijiet tal-football jew*

*tal-iżfin tat-tfal illi kienet intrabtet illi tagħmel u mbagħad tgħarraf lill-Qorti b'daqshekk.*

*i. Illi s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti għalhekk tqanqal eżami rigoruż ta' dak depost fl-artikolu 66D(2) tal-Kodiċi Ċivili illi qiegħed jiġi riprodott verbatim hawn taħt:*

*............*

*ii) Illi minn dak it-test huwa ċar illi:*

*a) L-unika eċċezzjoni għat-talba għall-ħall taż-żwieġ mressqa f'dawn iċ-ċirkostanzi tista titressaq meta l-parti attriċi ma tkun qiegħda tħallas manteniment; u*

*b) Din l-inadempjenza tkun tali illi bil-ħall taż-żwieġ il-ħlas ikun anqas eżiġibbli.*

*iii) Dik pero ma hijiex l-uniku raġuni għaliex l-appellanti tgħid illi s-sentenza għandha tiġi mħassra u rrevokata. Huwa sottomess ukoll illi l-imsemmija kliem "Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu..." huma mniżżla fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 66D u għalhekk għandhom jitqiesu biss bħala kwalifika ta' dak is-sub-artikolu u mhux ta' dawk suċċessivi – inkluż is-sub-artikolu (2)".*

7. L-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili jagħmilha ċara li divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa jew talba ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-Qorti tkun sodisfatta fost kondizzjonijiet oħra li:

*".........*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment".*

8. Għall-fini ta' dak il-paragrafu, manteniment ordnat f'sentenza jew miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni *"għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat"*.

9. Skont il-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet irrinunzjaw għad-dritt li jitolbu jew jirċievu manteniment mingħand xulxin. Fis-seduta tal-11 ta' Frar, 2021, il-konvenut xehed li ma ħallasx il-miżata tal-iskola minħabba l-kundizzjoni finanzjarja li jinsab fiha peress li tnaqqsitlu l-paga minħabba l-pandemija tal-COVID. Spjega li minn Marzu 2020 qiegħed jirċievi nofs il-paga. Żied li kienet biss l-aħħar miżata li ma ħallasx. Mill-istess depożizzjoni l-Qorti fehmet li l-attur għadu mhuwiex iħallas l-awment fil-manteniment skont dak li ftehmu l-partijiet.

10. Ovvjament b'daqshekk ma jfissirx li r-rikorrenti m'għandhiex jedd li tieħu l-passi li hemm bżonn sabiex tiżgura li l-intimat jonora l-obbligu ta' ħlas skont il-kuntratt ta' separazzjoni. L-aħħar proviso ta' Art. 66B jagħmilha ċara li d-divorzju bejn persuni separati b'kuntratt jew b'sentenza, ma jġib *".... ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi"*. Dan apparti li klawżola 16 tal-kuntratt ta' separazzjoni diġa' hi garanzija.[1]

11. L-Artikolu 19 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li fil-manteniment li jingħata lit-tfal, *".... jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom"*.

---

[1] *"The Parties agree that the contents of this deed shall not be changed, in the event that their marriage is annulled or dissolved by a Maltese or foreign competent Court, or in the event of a change in the Parties' circumstances or if their rights are varied by subsequent legislation"*.

12. Bażat fuq dak li jingħad fil-kuntratt ta' separazzjoni, il-miżata tal-iskola kienet parti importanti mill-manteniment għat-tifel ġialadarba din il-Qorti fehmet li qiegħed student fi skola privata.

13. Ovvjament għalkemm riċentement l-intimat beda ma jħallasx il-miżata, xorta għadu marbut bl-obbligazzjonijiet li assuma fil-kuntratt ta' separazzjoni. Dan irrispettivament jekk tintlaqa' t-talba għad-divorzju.

14. Madankollu bil-mod kif l-ewwel Qorti applikat l-Art. 66B(ċ) tal-Kodiċi Ċivili jkun ifisser li l-parti li m'għandhiex obbligu tħallas il-manteniment, f'dan il-każ ir-rikorrenti, ser issofri preġudizzju għaliex ma tkunx tista' titlob divorzju jekk il-konjuġi l-ieħor ikun moruż fil-ħlas ta' manteniment. Il-Qorti tifhem li l-iskop wara paragrafu (ċ) kien sabiex min ma jkunx qiegħed iħallas manteniment, eżempju f'każ ta' sentenza jew kuntratt ta' separazzjoni, ma jkollux jedd jitlob id-divorzju. Dan apparti li jkun perikoluż li wieħed jargumenta mod ieħor għaliex il-parti li għandha l-obbligu tal-manteniment, tista' tagħmel pressjoni fuq il-parti li titlob id-divorzju billi topponi t-talba jekk ma tirrinunzjax għall-manteniment. Fil-fatt l-ewwel Qorti osservat, *"Il-Qorti rat illi r-rikorrenti ma rrinunzjatx għall-manteniment"*. Parti li titlob id-divorzju m'għandha qatt titqiegħed f'pożizzjoni li jkollha tagħżel bejn divorzju u manteniment. Dan apparti li f'dan il-każ il-manteniment hu għat-tifel u mhux għar-rikorrenti.

15. Tant hu hekk li l-Art. 66D(2) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

> *"(2) Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b'kuntratt jewb'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista' tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ. Il-parti l-oħra tista' tikkontesta din it-talba, jew billi tipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa', tkun aktar diffiċli għall-istess parti l-oħra illi tikseb il-ħlas tal-manteniment. Il-qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għad-divorzjukemm-il darba xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jiġu murija li huma tajba".*

16. Fil-fehma ta' din il-Qorti paragrafu (ċ) tal-Art. 66B ma jistax jiġi applikat b'mod iżolat mingħajr ma jiġi kkunsidrat l-Art. 66D(2). Hi biss il-parti li mhijiex tirċievi l-ħlas ta' manteniment li tista' tikkontesta d-divorzju għal dik ir-raġuni, u l-Qorti m'għandhiex tilqa' t-talba f'każ li eċċezzjoni bħal dik tiġi murija li hi tajba.

17. Mill-atti jirriżulta wkoll li:

i. Fid-data li r-rikorrenti ppreżentat ir-rikors (20 ta' Novembru, 2020), il-partijiet kienu ilhom ma jgħixu flimkien għal iktar minn erba' snin matul l-aħħar ħames snin.

ii. M'hemm assolutament l-ebda prospett raġonevoli li sseħħ rikonċiljazzjoni.

18. L-uniku eċċezzjoni li ta l-konvenut hi li mhuwiex f'qagħda finanzjarja li jibqa' jonora l-obbligu tal-ħlas ta' spejjeż relatati mal-

edukazzjoni tat-tifel. Raġuni li m'għandha l-ebda rilevanza għat-talba ta' divorzju li għamlet ir-rikorrenti.

19. Il-Qorti tosserva wkoll li l-kliem *"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu"* li hemm f'sub-inċiż (1) tal-Art. 66D tal-Kodiċi Ċivili, japplika għal dak is-sub-inċiż biss u mhux ukoll għal sub-inċiż (2).

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tar-rikorrenti u filwaqt li tħassar is-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat-18 ta' Frar, 2021, tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-intimat u tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tħoll iż-żwieġ għall-effett ċivili ċelebrat bejn il-partijiet fil-21 ta' Ottubru, 2007. Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-intimat.

Tordna lir-Reġistratur sabiex fi żmien għoxrin (20) jum millum jibgħat kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra d-divorzju skont il-liġi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da